MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Numru 446/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

Kenneth Gauci
Colin Gauci

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati Kenneth Gauci u Colin Gauci ta' karta ta' identita' numru 16772(M) u 442380(M) rispettivament, akkuzati talli f'dawn il-gzejjer fit-3 ta' Gunju 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra

sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, segha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

2. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

3. bl-iskop li jakkwistaw xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali, kemm ghalihom infushom jew ghal haddiehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x'jaqsam ma' l-Att dwar is-Servizzi Socjali:

(i) xjentement jew bi traskuragni ghamlu dikjarazzjoni falza jew urew haga b'ohra; jew
(ii) gabu jew taw, jew ikkagunaw jew geghlu jew xjentement hallew illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kienu taw li kien falz f'haga materjali, jew
(iii) bi frodi naqsu li jirraportaw lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rcevew l-hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew jista' jkollha konsegwenza materjali fuq l-ammont jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament;

4. taht l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Impjieg u Tahrig;

(i) taw xi taghrif li kienu jafu li huwa falz f'xi punt importanti, jew minghajr ma mpurtahom taw xi taghrif li kien falz f'xi punt importanti; jew
(ii) bil-hsieb li jingannaw, ipproducew, taw, baghatu jew xort'ohra ghamlu uzu minn xi dokument li jkun falz f'xi punt importanti; jew
(iii) ghax riedu, irrifjutaw li jaghtu jew minghajr raguni legittima (li l-prova taghha hija ghall-karigu taghhom) ma tawx xi taghrif importanti.

L-akkuzi in meritu joriginaw mill-fatt li z-zewg imputati kellhom u kienu jaghmlu xoghol bi qligh meta u fil-waqt li kienu jirregistraw u jiehdu l-beneficcju socjali. Dan jinsab pruvat anka mill-istqarrijiet rispettivi rilaxxjati minnhom.

Fost l-akkuzi kemm prospettat reati kemm taht il-Kap 318 u kemm taht il-Kap 343. Il-Qorti hi sodisfatta li l-provi in atti jsostnu r-reati taht l-imsemmija Kapi.

Issa bhala segwitu ghas-sejbin ta' htija tal-imputati taht u fil-konfront taz-zewg Kapi imsemmija (riferibbli ghat-tielet u r-raba akkuza) tirrisulta wkoll pruvata t-tieni akkuza sostnuta fuq l-Artikolu 188 tal-Kap 9. Pero' mhux ukoll tinsab pruvata l-akkuza ta' frodi b'ghemil qarrieqi, jigifieri l-ewwel akkuza, komunement maghrufa bhala truffa. Dan ir-reat ghas-sosteniment tieghu jirrikjedi li ikunu sehhew raggirri u l-'mise en scene'. Fil-kuntest tal-provi l-Qorti mhux qeghdha tirrijavvisa ebda raggir jew 'mise en scene'. Menzogni biss ma jikkostitwixux ir-reat in parola.

Fost il-provi hemm dokumenti li jattestaw ghall-ammont imhallas lill-imputati mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Fil-kuntest tal-pagamenti recepiti mill-imputati ghal finijiet tal-piena taht l-Artikolu 117 tal-Kap 318 l-imputati stqarrew li kienu ilhom sena u nofs u sentejn rispettivament li kienu jahdmu u jirregistraw. Din l-affermazzjoni taghhom baqghet tale quale u ma gietx minnhom kontradetta. Ghandha ghalhekk titiehed bhala prova kontra taghhom.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 117 tal-Kap 318, Artikolu 49 tal-Kap 343, Artikolu 118 u 17 tal-Kap 9 tikkundannahom: – kwantu ghall-imputat Kenneth Gauci ghall-multa komplessiva ta' Lm6900.

Kwantu ghall-imputat Colin Gauci ghall-multa komplessiva ta' Lm4242 konvertibbli f'sena prigunerija fiz-zewg kazi fin-nuqqas ta' pagament ai termini tal-Artikoli 11 u 14 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------